MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 255/2004

**AIC Godfrey Vella**

**Vs**

**Joseph Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-att tar-rikors li bih ir-rikorrent ippremetta illi permezz ta’ sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza Citazzjoni numru 826/1990 fl-ismijiet “*l-Arkitett u Inginier Civili Godfrey Vella vs Joseph Pisani*” datata 14 ta’ Ottubru, 1991, dik il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni sollevati mill-konvenut u laqghet it-talbiet ta’ l-attur u pprefiggiet ***“… fuq il-konvenut terminu perentorju ta’ ghoxrin (20) jum ghal biex jirrimmuovi kwalsiasi ingombru mill-partijiet komuni u kuriduri u minn***

***quddiem il-kaxxa ta' ittri uzata mill-attur u fin-nuqqas li dan kollu jsir, allura tawtorizza li kollox isir mill-attur stess a spejjez pero' ta' l-imsemmi konvenut, okkorendo taht is-sorveljanza tal-AIC David Pace dejjem a spejjes tal-konvenut …",*** kopja legali ta' liema sentenza hija hawn ezebita b'*"animo ritirandi"* annessa u mmarkata bhala "Dok. GV1".

Ippremetta illi permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla ta' l-Qorti Civili fil-kawza Citazzjoni numru 1023/1990 fl-ismijiet inversi *"Joseph Pisani vs Arkitett u Inginier Civili Godfrey Vella"* datata 7 ta' Dicembru, 2001 dik il-Qorti kienet cahdet it-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talbiet u laqghet il-kontro-talbiet tal-konvenut esponenti fir-rikors odjern fejn iddecidiet li ***"… l-ghemil ta' l-attur kien u ghadu bi ksur ta' l-obbligazzjonijiet tieghu bhala sid il-kera li jqis li l-kerrej ikollu t-tgawdija bil-kwiet tal-haga mikrija ghaz-zmien kollu tal-kiri (Art. 1539(c) Kod. Civ.) Talli naqas minn din l-obbligazzjoni, l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-kerrej meta ma setax jinqeda' bil-fond mikri lilu".*** L-istess Qorti ddecidiet ukoll li l-intimat m'ghandux ebda jedd ghall-hlas tal-kera waqt li huwa kien u ghadu sal-lum ifixkel lill-esponenti mill-access ghall-ufficcju lilu mikri peress li ***"… il-kera li xorta l-konvenut kien ihallas lill-attur issa m'ghandux ihallsu ghax huwa pacjut ma' ammont ekwivalenti, parti minn dak li l-konvenut qieghed ihallas bhala kera lil terzi …"*** Kopja legali ta' l-imsemmija sentenza hija hawn ezebita b'*"animo ritirandi"*, annessa u mmarkata bhala *"Dok. GV2"*.

Ippremetta illi l-esponenti ghad ghandu kull interess li jerga' jgawdi l-access u l-uzu shih u liberu ghall-ufficcju lilu mikri mill-intimat, izda l-istess intimat baqa' sal-lum jisfida l-awtorita' tal-Qorti meta mhux biss ma rrimuova ebda ostaklu u tfixkil kif gie lilu ordnat fl-imsemmija sentenza ta' l-14 ta' Ottubru, 1991, talli ghall-kuntrarju ghadu jcahhad lill-esponenti minn kwalsiasi access ghall-ufficju lilu mikri, minkejja li ripetutament u diversi drabi bonarjament interpella lill-intimat sabiex jottempera ruhu ma' l-obbligazzjonijiet tieghu skond il-ligi;

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponent bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha li *ai termini* ta' l-artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-14 ta' Ottubru, 1991 (Dok. GV1) minkejja l-gheluq ta' hames snin minn dak inhar li fih skond il-ligi l-istess titolu ezekuttiv seta' gie ezegwit.

Rat ir-risposta imressqa mill-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

Ir-rikorrent AIC Godfrey Vella qieghed jitlob permezz tar-rikors promotur fl-ismijiet premessi li dak ordnat fis-sentenza ta' l-14 ta' Ottubru, 1991, fil-kawza fl-ismijiet *"Arkitett u Inginier Civili Godfrey Vella vs Joseph Pisani"* – Citazzjoni numru 826/1990, *cioe'* li l-esponent intimat jirrimwuovi kwalsiasi ingombru mill-partijiet komuni u minn quddiem il-kaxxa ta' l-ittri uzata mill-attur jigi ezegwit.

Illi tali ezekuzzjoni tippresupponi li l-fond imsemmi fis-sentenza fuq imsemmija ghadu fil-pusess tar-rikorrent *AIC Godfrey Vella* ghad illi altrimenti ikun mankanti element importanti u indisponsabbli sabiex din l-ezekuzzjoni tkun tista' tintlaqa'. Mill-fatti li l-esponent intimat ghandu hsieb li jressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ghandu jirrizulta b'mod inekwivokabbli li r-rikorrent *AIC Godfrey Vella* abbanduna l-kirja li huwa kellu u ghalhekk illum ma jinsabx fil-pussess tal-fond li ghalih issir riferenza fis-sentenza fuq imsemmija.

Illi ghalhekk ma tistax issir l-ezekuzzjoni mitluba fir-rikors promotur meta l-fond li ghalih qed isir riferenza fl-imsemmija sentenza u li allura huwa l-oggett effetwat b'dak ordnat fl-istess sentenza m'ghadux fil-pussess tar-rikorrent *AIC Godfrey Vella.* Jigi ppruvat ukoll li l-istess *AIC Godfrey Vella* ikkonferma fil-prezenza ta' xhieda li huwa ma kienx ghandu interessat fil-fond in kwistjoni.

Illi s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament ppreseduta tas-7 ta' Dicembru, 2001 fl-ismijiet *"Joseph*

*Pisani vs Arkitett u Inginier Civili Godfrey Vella”* – Citazzjoni numru 1023/1990 bl-ebda mod ma tvarja stat ta’ fatt cert u *cioe’* li r-rikorrent *AIC Godfrey Vella* ma jinsabx fil-pusess tal-fond li huwa ghazel li jabbanduna

Ghalhekk in vista tal-premess u ghar-ragunijiet fuq imsemmija din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrent *AIC Godfrey Vella* kontenuta fir-rikors promotur tieghu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza ta’ l-14 ta’ Ottubru, 1991.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent;

Semghet l-Avukat tar-rikorrent;

Rat li l-intimat u d-difensur tieghu ma deherux ghas-smiegh tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata. Fil-fatt, mill-provi, il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrent ma abbandunax il-kirja in kwistjoni, u lanqas ma irrinunzja ghal istess, izda qed isib ostakolu biex jaccedi ghal ufficju mikri lilu minhabba l-ingombru ta’ l-intimat li, nonostante ordni tal-Qorti, baqa’ ma nehhiex l-ingombru mill-partijiet komuni;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------